MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1358/2002/1

**Raymond Gatt fil-kapacita tieghu ta stralcarju tas-socjeta Continental Postform Ltd**
**Vs**
**Mercieca Furnishings Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Mejju 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta’ tliet mija u tlieta u erbghin lira hamsin centezmu (Lm343.50) rapprezentanti prezz ta materjal mibjugh mis-socjeta Continental Postform Ltd lill-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 25 ta Jannar 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta fit-13 ta Gunju 2002 fejn preliminarjament ecceppiet il-

preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2149 (a) kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u fil-meritu li ma kellha ebda pendenzi mas-socjeta rapprezentata mill-attur sa mis-sena 1995. Bl-ispejjes.

Ra l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti.

Ra s-sentenza ta dan it-Tribunal datata 29 ta Novembru 2004 fejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata giet michuda u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2148 (b) kap 16 tal-Ligijiet ta Malta datata 12 ta April 2005 liema eccezzjoni tippreskrivi l-azzjonijiet b'terminu ta tmintax-il xahar fil-konfront ta bejgh ta merkanzija bl-imnut (retail);

Ra li fil-verbal tas-17 ta Ottubru 2005 il-partijiet qabblu li l-kawza setghet tithalla fuq il-meritu kollu;

Ikkunsidrat;

Victor Mercieca rapprezentant tas-socjeta konvenuta jghid li huwa kien sab zewg invoices ghall-ammont hawn mitlub li jgibu d-dati tat-28 ta Lulju 1993 u 25 ta Awissu 1993 u li kemm mir-records tal-kumpanija u kemm mill-istatement iffirmat u esebit Dok VM1 jirrizulta li l-ammont jinsab imhallas. Illi difatti mir-registru prezentat mill-attur noe jidher li l-ammont mitlub ta Lm343.50 huwa proprju dak li jirreferi ghal dawn iz-zewg invoices Dok VM1 u cioe dik datata 28/7/93 ta Lm19.50 u l-ohra datata 25/8/93 ta Lm324 (numri 7881 u 8152) peress li l-ohra kollha sussegwenti jinsabu indikati bhala mhallsa. Anke l-istess Victor Mercieca jikkonferma li in segwitu ghal dawn iz-zewg invoices huwa baqa jiehu aktar xoghol u dejjem kien ihallas. Inoltre jikkonferma wkoll li qatt ma rcieva xi nterpellanza ghal tali hlas u difatti kien sorpriz b'dawn il-proceduri. Illi fil-fatt jekk wiehed jara l-ittra ufficcjali esebita mill-attur noe datata 25 ta Jannar 2001, din tikkoncerna talba ghal hlas tal-ammont ta Lm734.25 u mhux ghas-somma odjerna. Inoltre l-istess ittra ma taghmel ebda referenza ghal liema invoice qed tirreferi u wisq anqas

taghti xi dettalji fuq il-materjal allegatament mibjugh u mhux imhallas.

Illi fi kwalunkwe kaz ma hemmx dubbju li bejn id-data ta l-invoices in kwistroni u l-ittra ufficcjali ghaddew aktar minn seba snin. Inoltre it-Tribunal jinsab soddisfatt ukoll li l-imsemmija zewg invoices jinsabu debitament imhallsa kif jirrizulta mit-timbru u firma markati fuq Dok VM1;

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjoni ulterjuri ta preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u kwindi jirrespingi t-talba ta l-attur nominee bl-ispejjes ta din l-istanza kontra l-istess attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------